



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 4 ta' Lulju 2018
(OR. en)**

**2017/0348 (COD)
LEX 1817**

**PE-CONS 23/1/18
REV 1**

**PECHE 143
CODEC 648**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA
REGOLAMENT (UE) 2016/1139 F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MAL-MEDED TAL-
MORTALITÀ MIS-SAJD U L-LIVELLI TA' SALVAGWARDJA GĦAL ĊERTI STOKKIJIET
TA' ARINGI FIL-BAĦAR BALTIKU**

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Lulju 2018

**li jemenda Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità
mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tal-14 ta' Frar 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku ("il-pjan"). L-għan tal-pjan huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika komuni tas-sajd u, b'mod partikolari, biex jiżgura li l-isfruttar ta' rizersi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirriabilita u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).
- (2) L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2016/1139 jistipula l-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku kkonċernati, inkluż l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnja. Sabiex tiġi salvagwardjata l-kapaċità riproduttiva sħiħa ta' daww l-istokkijiet, l-Annessi I u II għal dak ir-Regolament jistabbilixxi ċerti punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni, inklużi l-meded ta' mortalità mis-sajd u l-punti ta' referenza ġodda tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

- (3) L-evalwazzjoni xjentifika tal-istokk tal-aringi tal-Baħar tal-Botnija, u l-istokk tal-aringi tal-Bajja tal-Botnija li saret fl-2017 mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) wriet li dawn iż-żewġ stokkijiet huma simili. Bħala konsegwenza, l-ICES għaqqad iż-żewġ stokkijiet f'waħda, biddel il-konfini taż-żona ġeografika relattiva u vvaluta mill-ġdid il-meded ta' mortalità mis-sajd tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), kif ukoll il-punti ta' referenza dwar konservazzjoni rilevanti. Dan wassal għal definizzjoni tal-istokkijiet u valuri numeriċi differenti minn daww stabbiliti fl-Artikolu 1 u l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2016/1139.
- (4) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139 jipprevedi li meta, abbażi ta' parir xjentifiku, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni stipulati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ma jibqgħux jesprimu b'mod korrett l-oġettivi tal-pjan, il-Kummissjoni tista', bħala kwistjoni ta' urġenza, tissottometti proposta għar-reviżjoni ta' daww il-punti ta' referenza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (5) Huwa xieraq li jiġu emendati b'mod urġenti l-punti (e) u (f) tal-Artikolu 1(1) u l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2016/1139 sabiex jiġi żgurat li l-oportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet rilevanti jiġu ffixxati skont il-punti ta' referenza dwar konservazzjoni aġġornati.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) aringi (*Clupea harengus*) fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 30-31 (aringi tal-Golf ta' Botnja);”;

(b) jitħassar il-punt (f).

(2) Fl-Anness I, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnija huma sostitwiti b'dan li ġej:

“L-aringa tal-Golf ta' Botnja	0,15-0,21	0,21-0,21”
-------------------------------	-----------	------------

(3) Fl-Anness II, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnija huma sostitwiti b'dan li ġej:

“L-aringa tal-Golf ta' Botnja	283 180	202 272”
-------------------------------	---------	----------

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President